MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 41/2004

Dr Angelo Farrugia LL.D ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti William Jameson Leslie Bryant, Kim Jameson, Tracy Ann Jane Jameson u Jacqueline Susan Kitney, ilkoll eredi tad-defunta Jane Jameson, in forza ta’ prokura datata 18 ta’ Settembru 2003.

vs

Joseph Formosa

Il-Qorti,

Fic-citazzjoni taghhom l-atturi ppremettew:

Illi f’incident li sehh fil-15 ta’ Ottubru 2001 fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, tilfet hajjitha Jane Jameson, meta

sfat imtajra mill-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BBG 634 misjuqa mill-konvenut;

Illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali huwa unikament responsabbli l-konvenut, minhabba imprudenza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalkemm interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-atturi, il-konvenut baqa’ inadempjenti;

Talbu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fil-15 ta’ Ottubru 2001 fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, f’liema incident Jane Jameson tilfet hajjitha;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi b’konsegwenza tal-imsemmi incident, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez inkluz tal-ittri ufficjali datati 2 ta’ Ottubru 2003 u 9 ta’ Ottubru 2003, kif ukoll tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista ta’ dokumenti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. li fl-ewwel lok l-atturi kif rapprezentati jridu jippruvaw illi huma l-eredi, almenu prezunti tad-defunta Jane Jameson;
2. li fil-meritu, u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u

dana peress illi l-incident stradali in kwistjoni gara tort u htija tal-istess Jane Jameson, kif jigi dettaljatament pruvat waqt is-smiegh tal-kawza;
3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa tal-konvenut flimkien mal-lista tax-xhieda;

Rat il-verbal taghha tal-15 ta’ Dicembru 2005 fejn fuq talba tal-konvenut ordnat l-allegazzjoni tal-process kriminali deciz fl-Appell fil-11 ta’ Mejju 2005;

Rat id- digriet taghha fejn cahdet it-talba tal-konvenut ghall-isfilz ta’ zewg sentenzi kif mitlub fr-rikors tieghu tas-17 ta’ Ottubru 2006;

Rat u ezaminat l-atti kriminali annessi kif fuq intqal;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat in-noti tas-sottomissjonjiet rispettivi;

Ikkunsidrat:

Il-kawza hija wahda ghad-danni acquiliani li fiha l-kontendenti ghazlu li jistriehu esklussivament fuq il-provi li gew pprezentati fil-proceduri kriminali li ntemmew bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-11 ta’ Mejju, 2005. Jinghad f’dan il-kuntest illi ghalkemm iz-zewg azzjonijiet (ossija dik civili u dik kriminali) huma distinti minn xulxin, hu pacifikament accettat li proceduri kriminali jistghu jservu ta’ prova f’kawza civili. L-Artikolu 627 tal-Kap 12 espressament jghid li l-atti u r-registri tal-qrati tal-gustizzja huma “ammissibbli bi prova bla ma tkun mehtiega ebda prova ohra ta’ l-awtenticita’ taghhom, hlief dik li tidher minnhom innifishom, u jippruvaw dak li jkun fihom, sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju”. Naturalment il-piz tal-prova ta’ dak li jkun qieghed jigi allegat fic-citazzjoni, fil-

kaz in meritu li l-incident fatali gara minhabba negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, jinkombi fuq l-atturi, dan fuq l-istregwa tal-principju *incumbit probatio qui dicit non qui negat.*

Intant hemm punt iehor li tajjeb li jigi dispost f’dan l-istadju u jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar il-prova li l-atturi huma l-eredi jew prezunti tali ta’ ommhom li sfat vittma fl-incident meritu l-kawza. Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom il-konvenuti jikkontendu li ma ngabet ebda prova ta’ dan mill-atturi, altru allura li ngabet l-ahjar prova, u ghalhekk it-talbiet tal-atturi jippekkaw ukoll minn dan l-aspett u m’ghandhomx jintlaqghu. Fuq dan pero’ il-Qorti ma taqlibx u tqies il-prokura, esebita flimkien mac-citazzjoni, bhala prova cara u sufficjenti li l-atturi huma l-eredi tal-mejta.

Fil-meritu imbaghad hu sintomatiku li f’materja ta’ danni acquiliani rizultanti minn incident stradali l-htija tigi adossata lil min kien l-awtur tal-kawza prossima tal-incident izda tenut rigward tal-Artikolu 1051 tal-Kap 16 li jipprovdi li “jekk il-parti li tbati l-hsara tkun b’nuqqas ta’ prudenza, ta’ diligenza jew ta’ hsieb ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara, l-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni, li ghandhom jithalsu lil dik il-parti, tiddeciedi fid-diskrezzjoni taghha, f’liema proporzjon din tkun ikkontribwiet jew tat-okkazjoni ghall-hsara li batiet u l-ammont tad-danni li ghandu jithallas lilha mill-persuni l-ohra li jkunu dolozament jew bla ma riedu ikkontribwew ghal dik il-hsara, jigi mnaqqas f’dik il-proporzjon”.

Fil-kuntest tar-responsabilita’ din il-Qorti ghamlet l-apprezzament u l-evalwazzjoni attenta tal-provi u sejra issa taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha:

1. l-incident in meritu sehh f’Triq Ghajnsielem gewwa Ghawdex precizament quddiem l-istabbiliment ‘Gozo Heritage’. Jigifieri sehh f’arterja principali tal-Gzira Ghawxija. Il-konvenut inzerta Ghawdxi li kien qieghed isuq fl-imsemmija triq fid-direzzjoni tal-port tal-Imgarr; cioe’ kien fuq il-karregjata tax-xellug fuq in-naha tal-istabbiliment imsemmi. Il-vittma Jameson investiha

faccata ta' dan l-istabbiliment fuq il-karreggata opposta ghal dik li fuqha kien qieghed isuq. It-triq hemmhekk tikkonsisti f'zewg karreggati f'direzzjonijiet opposti li izda tippermetti zewg vetturi jittranzitaw kontra xulxin kommodament u bla tfixkil;

2. mix-xhieda okulari jirrizulta bla dubbju ta' xejn li s-sinistrata mmedjatament qabel sfat imtajra kienet qeghdha taqsam it-triq biex tmur ghad-dell hdejn zewgha u jinghad li biex tirripara ruhha mix-xemx bdiet taqsam izzomm borsa ma' wiccha;
3. rilevantissima hija x-xhieda tal-konvenut hekk kif riportata testwalment fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell u li din il-Qorti ser tikkwotha. Din tghid:
"Hekk kif qbizt ir-roundabout tal-heliport u qarribt lejn il-Heritage rajt mini bus
hamra ipparkjata man-naha tal-Gozo Heritage, daqsxejn 'l fuq mill-bieb tal-bitha.
Quddiem il-bieb tal-bitha ma kienx hemm vetturi pparkjati, imbghad kif taqbez
il-bieb kien hemm karozza tal-linja pparkjata. Wara l-karozza tal-linja fuq in-
naha ta' barra taghha kien hemm grupp ta' nies jithadtu. Lil dawn in-nies jien
stajt narahom minn distanza ferm qabel ma lhaqt il-mini bus.
Dak il-hin kont ghaddej madwar hamsa u sittin kilometru, izda kif qarribt lejn il-
mini bus naf li naqqast. Ma nafx kemm naqqast. Kif kont wasalt qrib se naqbad
ix-xarabank minn wara l-grupp ta' nies li semmejt rajt mara hierga taqsam.
Kienet liebsa qalziet u flokk abjad u kappell abjad. Ma wiccha kienet qed
izzomm handbag, in naha tax-xellug biex jilqaghalha mix-xemx. Lill-mara rajtha
timxi sa nofs it-triq b'pass legger u thares il'fuq.
Waslet sa nofs it-triq u rajtha ddawwar wiccha lejja. Jien dak il-hin kont diga
ghafast il-brake u ksirt l-isteering ghan-naha l-ohra tat-triq biex nevitha. X'hin

dawret rasha lejja ndunajt li kienet ittendiet bija u qisha dehret mahsuda. Hi

mmedjatament kompliet taqsam tigri.

Jien kont ksirt il-karozza lejn dik id-direzzjoni u ghalkemm fuq il-brake komplejt

nitkaxxkar u lqattha. Ilqattha fil-gemb tal-lemin bil-kantuniera u rajtha ttir ghal

fuq il-gemb tieghi ghal gol-windscreen. Hi ma taritx ‘il boghod”;

4. hu fatt riskontrat u stabbilit li l-vettura tal-konvenut halliet ghoxrin metru ‘break marks’, li fi kliem il-Qorti tal-Appell, jindikaw velocita’ bejn il-53 u s-60 k.f.s. u li fil-konfront taghhom dik l-Onorabbli Qorti rrimarkat illi “ghalkemm 50 k.f.s hija l-velocita’ <u>massima </u>konsentita ghall-vettura bhalma kien qed isuq l-appellant fl-abitat (ossija f’built up areas) ma jfissirx li din il-velocita’ hija dejjem dik li wiehed ghandu jkun ghaddej biha. L-istess jinghad ghall-velocita’ <u>massima</u> ta 80 k.f.s applikabbli ghall-postijiet ohra. Skond ic-cirkostanzi <u>partikolari</u> ta’ kull lokalita’ – inkluzi l-istat tat-triq, il-konfigurazzjoni taghha, il-prezenza ta’ nies fin-nofs jew fil-gemb tat-triq u hafna u hafna cirkostanzi ohra – tista’ tkun indikata velocita’ <u>ferm angas minn dik regolamentari</u>, u dan proprju ghaliex ikun prevedibbli, li minhabba xi wahda minn dawn ic-cirkostanzi, tista’ tinholoq sitwazzjoni ta’ emergenza fejn is-sewwieq irid ikollu aktar kontroll fuq il-vettura tieghu milli f’cirkostanzi ohra”, sottolinjar tal-Qorti tal-Appell, li kompliet tafferma li “fil-kaz in dizamina, indipendentement mill-fatt jekk il-lokalita’ in kwistjoni hix ‘built up area’ o meno, kellu jkun evidenti ghal kull sewwieq, u specjalment ghal sewwieq Ghawdxi li jaf sew dik l-istess lokalita’, li meta ghandek il-konfuzjoni assocjata ma’ turisti u ‘coaches’ li normalment ikun hemm f’dak il-post, wiehed ghandu <u>jirrallenta konsiderevolment</u> f’dik il-velocita’ <u>proprju ghax tizdied il-probabblilita’ li xi hadd alljenatament jidhol fil-karreggata” </u>(ukoll sottolinjar tal-Qorti tal-Appell).

Illi fid-dawl ta’ dan kollu hi l-fehma ta’ din il-Qorti li l-incident, li kellu konsegwenzi tragici, kien prevedibbli, ikkawzat minhabba sewqan negligenti u inkonsult tal-konvenut. Altru li kien rinfaccjat b’emergenza subitanja.

Hu pogga lilu innifsu f'sitwazzjoni li ma kellux kontroll shih tal-vettura u di piu' minflok irrallenta konsiderevolment jew addirittura waqaf, u kellu hin bizzejjed biex jaghmel hekk, ghamel manuvra li sahansitra mar fuq in-naha l-hazina tat-triq. Ghal din il-Qorti l-kawza unika, prossima u immedjata ta' l-incident hi attribbwibbli esklussivament ghal tortijiet tal-konvenut.

Illi bhala bazi ghal-likwidazzjoni tad-danni din il-Qorti ser tadotta 'multiplier' ta' 10 snin fuq introjtu ta' elf u sitt mitt sterlina annwi (li bir-rata tal-kambju ta' .76 euro ghal kull lira sterlina jammontaw ghal euro 2105 annwi) b'dan li mill-ammont rizultanti ta' 21,052 euro ghandu jitnaqqas terz minhabba l-grad ta' dipendenza oltre ammont ulterjuri ta' 20% in vesti tal-'lump sum payment' tali li l-ammont li l-konvenut hu dovut li jhallas hu ta' 11,468 euro li qieghed jigi arrotondat ghal 11,500 euro.

Tiddeciedi u tiddisponi ghalhekk mill-kawza billi tilqa' it-talbiet tal-atturi billi tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident, tillikwida d-danni fl-ammont ta' hdax-il elf u hames mitt (11,500) euro u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine l-imsemmi ammont.

L-ispejjez fl-intier taghhom a karigu tal-konvenut

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------